# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru.   2207

**Kaz Nru 2512/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Josette Cassar**

**u**

**The Malta Memorial District Nursing Association (M.M.D.N.A.)**

*dwar tkeccija mill-impieg  allegata li hi ngusta*

## Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc.,DPM, IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrent Josette Cassar, pprezentata fir-Registru tal-Qorti fis-26 ta' Lulju 2007. Meta t-Tribunal Industrijali beda jisma' il-Kaz inkwistjoni, dehru ir-rikorrent li kienet assistita mill-Avukat Joseph Zammit u ghas-Socjeta ntimata deher Major Stanley Clews u is-Sur Anthony Attard li kienu assistita mill-Avukat Andrew Borg Cardona.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz ir-rikorrent tghid, li kienet tahdem bhala full-time State Registered Nurse (SRN) mal-Malta Memorial District Nursing Association (MMDNA)  u l-impieg taghha beda  fid-9 ta' Settembru 1996. Hija tghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz taghha, li fis-19 ta' Novembru 2005, waqt li kienet fuq xogholha bhala nurse u qed tassisti pazjenta fis-Siggiewi, hija sfat aggredita u msawta minn familjari ta' l-istess pazjenta u rigward dan l-incident ghadejjien proceduri**

**kriminali kontra l-aggressur. Ir-rikorrent tghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz taghha, li mill-ewwel infurmat b'dan l-incident lill uficcju centrali ta' MMDNA u kelmet lill Ms Mary Vassallo u Mrs Mary Mifsud. Hija tghid ukoll, li wara baqghet sejra dritt ghand it-tabib Dr Godfrey Farrugia li invistaha u hareg certifikat. Hija tghid ukoll li sa dak il-hin kien jidher, illi kien hemm biss slight injury. Ir-Rikorrent tghid ukoll, li kienet marret l-ufficju ta' l MMDNA fil-21 ta' Novembru fid-9.00 u ltaqghet ma Mrs. Cachia li tokkupa il-kariga ta' District Nursing Officer u Mr Attard id-direttur ta' l-MMDNA, dawn laqghuha fl-intrata, u Mrs Cachia qaltilha li wahda mill-persuni li aggredietha kienet ilha iccempell u javzaha li ma ridhiex aktar ghandhom, imma hija ma kelliex hin tavza lill esponenti dawr dan. Fl'istqarrija taghha r-rikorrent tghid ukoll, li lill Mrs Cachia kien cemplilha wiehed mill-aggressuri u fil-waqt li kien skuza ruhu qalilha wkoll li ma kienx qatel lir-rikorrent ghax ma kienitx ragel.**

**Ir-rikorrent tghid ukoll, li matul il-qaghdi ta' dmirijietha kienet ukoll hadet it-Tubercolosis u dan peress illi kellha kuntatt mal-pazjenti morda. Hija tghid ukoll, li minhabba f'hekk kienet qed tiehu kura kontra t-TB.**

**Ir-rikorrent tghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz, li wara l-incident li kellha fis-Siggiewi u wara li kienet marret ghand Dr Farrugia, l-ugieh li kellha kompla jizdied u b'rizultat ta' dan harget fuq injury on duty. Ir-rikorrent tghid ukoll, li hija rrapurtat lura ghax-xoghol fit 3 ta' Lulju 2006, peress li Mr Ray Gatt (Consultant Orthopaedic Surgeon) kien iccertifika li kienet tajba ghax-xoghol. Hija tkompli tghid, li meta dahlet lura ghax-xoghol ma gietx moghtija light duties u oltre minn dan, assenjawlha vettura li kellha bosta problemi bhal; is-seat tax-xufier ma kienx addattat ghall pozizzjoni li kienet fiha u kien jikkawzalha aktar ugiegh. Hija tghid ukoll, li minkejja li kienet irrapurtat din is-sitwazzjoni ma sar xejn fuqa u b'rizultat ta dan kellha tidhol l-isptar minhabba wgieh u tnemnin f'riglejha u ghal darb'ohra kellha terga tohrog fuq injury leave. Hija tghid ukoll, li ghada tbghati l-konsegwenzi ta' l-incident li kellha fis-Siggiewi u ghadha taht l-kura ta' specjalista. Ir-rikorrent tghid ukoll, li gie ccertifikat li ghandha dizabilita permanenti ta' 10 fil-mija.**

**Ir-rikorrent tghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz taghha, illi kienet tigi nfurmata minn Ms Cachia li kienet id-District Nursing Officer, li fil-kundizzjoni li kienet ma kelliex xoghol ghalija. Hija tghid ukoll, li fl'laqgha li kellha mac-Chairman tad-MMDNA, Major Clews u mas-Sur Attard li jokkupa l-kariga ta' Direttur ma l-istess Socjeta, kienu weghduha li kienu ser ikellmu lill Gvern u d-Dipartiment tas-sahha, sabiex hija tibqa fl-impieg u ma titlifx skala, izda minn dan ma kien sar xejn bil-konsegwenza, li llum tnizzlet minn skala 10 ghal skala 12 b'rizultat li tilfet awment fis-salarju taghha.**

**Ir-rikorrent tghid ukoll, li fl'laqgha li kellha ma' l'ufficjali tal-MMDNA li saret fis-27 ta' Marzu 2007, giet infurmata li peress li kienet hadet s-sena injury leave u anke is-sick leave, ma kienx hemm aktar lok li tkompli fl'impieg u tterminawlha l-impieg taghha.**

**Hija ttemm l-istqarrija tal-Kaz taghha fejn tghid, li mill-formola tal ETC jirrizulta, li t-terminazzjoni ta' l-impieg taghha sar fuq ragunijiet ta' sahha u d-data tat-terminazzjoni ta' l-impieg saret b'sehh mis-17 ta' Marzu 2007, jigifieri ghaxart t'ijiem qabel ma kienu nfurmawha wfficjalment, li l-impieg taghha kien se jigi tterminat.**

**Ghas-Socjeta ntimata da parti taghha qalet, li preliminarjament ghandu jigi ricerkat jekk il-kaz huwiex soggett ghad-dekadenza ta erba xhur skond il-ligi, jidher illi bejn id-data ta' terminazzjoni ta' l-impieg, li sehh f'eghluq iz-zmien kollu li waqtu l-appellanti kellha tinzamm fl-impieg wara korriment fuq il-post tax-xoghol tenu kont tal-Injury leave u l-vacation leave kollu disponibbli lilha u d-data meta l-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali, ghadda z-zmien koncess mill-ligi. Is-Socjeta tghid ukoll, li s-sottomissjoni prelininari hawn fuq ma ghandhiex titqies bhala accettazzjoni da parti ta' l-intimati, la li attwalment kien hemm xi korriment fuq il-post tax-xoghol u lanqas illi ghandhom xi liability f'dan ir-rigward dwar dawn iz-zewg kwistjonijiet u tghid ukoll, li dan it-Tribunal Industrijali m'ghandux gurizdizzjoni peress, li fi kwalunkwe kaz ma jirrizultax illi t-terminazzjoni ta' l-**

**impieg sehh waqt iz-zmien ta' intitolament ghal xi injury leave u qed jigi koncess ghall-grazzaja ta' l-argument f'dawn il-proceduri, illi ma hemmx kwistjoni li l-appellant giet koncessa l-injury leave ghal xi zmien.**

**Is-Socjeta tghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz taghha, illi minghajr pregudizzju u fil-mertu , l-intimati mxew skond id-drittijiet taghhom meta llicenzjaw lill-appellanti fi tmiem il-perjodu li ghalih issir referenza hawn fuq. Illi ghal dak li jirrigwardja l-asserzjonijiet ta' fatt li ghamlet l-appellanti dwar l-incidenti li kellha, l-intimati ovvjament mhux necessarjament jikkondividu l-asserzjonijiet kollha u jirrizervaw illi jaghtu l-verzjoni korretta meta jigi sabbilit liema fatti jew asserzjonijiet huma rilevanti ghal dawn il-proceduri. Is-Socjeta tghid ukoll li jibqa l-fatt illi, dejjem minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni mressq hawn fuq, l-intimati mxew skond id-drittijiet taghhom meta llicenzjaw lill-appellanti wara li din sfat fi stat illi kienet inkapaci li tezercita l-obbligi tax-xoghol taghha: din m'hijiex xi organizazzjoni kbira li ghanda hafna postijiet tax-xoghol disponibbli fil-kuntest ta' light duties jew affarijiet simili (anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument, hemm xi obbligu li persuni nkapaci li jahdmu ghandhom dritt li jippretendu assenjazzjoni ta' tali xoghol wara li jkun skada l-perjodu ta' injury leave jekk dan ikun applikabbli. Is-Socejta tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li fi kwalunkwe kaz, ghandu jigi nnotat sussidjarjament u ghal kull buon fini li sa fejn jidher, l-appellanti ma ghamlitx rikjesta skond il-ligi, entro z-zmien statutorju biex tigi assenjata xi xoghol li tista' tghamel.**

**Waqt is-smigh tal-provi s-Socjeta ddikjarat, li kienet qed tirtira l-ewwel eccezzjoni dwar id-dekadenza tal-Kaz, u dan kienet qed tghamlu peress, li mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali kien irrizulta, li l-applikazzjoni tal-Kaz kienet saret mir-Rikorrent, fi zmien erba xhur skond kif tipprovdi l-ligi.**

**Mill-provi jirrizulta, li r-Rikorrent kienet ilha tahdem mid-9 ta' Settembru 1996 mal-Malta Memorial District Nursing Association bhala full-time State Registered Nurse. Mill-provi jirrizulta wkoll, li fl'2005, waqt il-qaghdi ta' dmirijietha hija sfat**

**aggredita u mswata. Mill-provi jirrizulta wkoll, li kawza ta' dan l-incident hija harget fuq injury leave. Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta dahlet lura ghax-xoghol hija talbet biex tigi moghtija light duties, izda mill-provi jirrizulta wkoll, li l-management ma kienx f'pozizzjoni li jilqa t-talba taghha, peress li ma kellu l-ebda vakanza biex jakkomoda lir-Rikorrent. Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-Rikorrent dahlet xorta ghax-xoghol u bdiet tghaqdi d-doveri taghha b'modd normali, pero jirrizulta wkoll quddiem it-Tribunal Industrijali, li l-vettura li giet moghtija lillha biex tghaqdi d-doveri taghha u tkun tistgha zzur il-pazjenti fi djarhom ma kienitx wahda addattata, b'modd partikulari is-seat tax-xufier tal-vettura, li kompla jikkawzawlha problemi f'sahhietha. Mill-provi jirrizulta wkoll, li hija rrapurtat b'dan lill management, izda min naha tieghu ma ghamel xejn biex jirrimedja din is-sitwazzjoni. Mill-provi jirrizulta wkoll, li kawza ta' dan kellha tidhol l-isptar u terga tohrog bl'injury leave. Mill-provi jirrizulta wkoll, li wara li kienet ghaddiet is-sena injury leave u kkonsmat il-leave u is-sick leave kollu, l-impieg taghha gie tterminat fuq ragunijiet ta' sahha.**

**It-Tribunal Industrijali meta jikkunsidra l-provi msemmija hawn fuq isib, li dan kien kaz sfortunat ta' haddiem li weggha fuq il-post tax-xoghol u meta jigri kaz ta' din ix-xorta, t-Tribunal Industrijali ghandu jara li mhux biss il-provedimenti tal-ligi ghandhom jigu osservati, izda wkoll it-Tribunal Industrijali ghandu jara, li minn naha tal-management jghen kemm jista jkun lill impjegat biex ma jitlifx ix-xoghol tieghu. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali l-ewwel kunsiderazzjoni li jiehu hija jekk il-management kienx f'pozizzzjoni li joffri xoghol alternattiv jew light duties lir-rikorrent. Mill-provi li t-Tribunal Industrijali semgha jikkunsidra, li l'organizzazzjoni ma kienitx f'qaghda li toffri xoghol alternattiv f'ufficcju lir-rikorrent u dan peress li ma kienx hemm vakanza f'dan id-Dipartiment. F'dawn il-kunsiderazzjonijiet, it-Tribunal Industrijali fil-waqt li jifhem il-limitazzjoni tas-Socjeta li toffri light duties jew xoghol alternattiv pero, dan it-Tribunal Industrijali mhux sodisfatt mill-koperazzjoni shiha tal-management f'dan il-kaz u dan invista li setgha l-management irrimedja fil-problema ta' vettura aktar adekwata biex ir-Rikorrent tkun tistgha tghaqdi d-doveri taghha minghajr tbatija zejda u mhux**

**b'rizultat ta' dan kellha terga tohrog bl'injury leave, fejn eventwalemnet ikkonsmat l'injury leave kollu u sehhet it-terminazzjoni ta' l'impieg taghha.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-istatements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet, isib li l-management kellu nuqqas meta ma pprovdix karozza adekwata biex ir-Rikorrent tkun tistgha tghaqdi d-doveri taghha minghajr diffikultajiet u li kieku l-management ipprovda karozza adekwata, setghet tigi evitata t-terminazzjoni ta' l'impieg tar-rikorrent fuq ragunijiet ta' sahha. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li r-Rikorrent ghandha tigi moghtija kumpenss ta' €3,000 (tlett t'elef euro) ghan-nuqqas tal-management li wassal ghat-terminazzjoni ta' l'impieg taghha, liema kumpenss ghandu jigi mhallas fi zmien xahar mid-data ta din id-decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-Kaz jigi deciz fiz-zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €94 (erbgha u dighajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**Ghas-Segretarju**

**Illum : 26 ta' Frar, 2013**